MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Numru. 275/2010

**Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**
**Maria Carmela Carachi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Maria Carmela Carachi ta' 64 sena, mart Frans Carachi bint il-mejjet Emanuel Calleja u l-mejta Mary nee' Buontempo, imwielda Paola fil-11 ta' Settembru 1945 u residenti 25, Triq il-Huttafa Fgura u detentrici tal-karta tal-identita' numru 804845(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Bejn April 2009 u Awwissu 2009 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, appropjat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li

kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib maghha l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Salvina Calleja detentrici tal-karta tal-identita' numru 297829(M), ai termini ta' l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 9 ta' Gunju, 2011 (esebita a fol. 187 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(1) Fl-Artikoli 293, 294, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Lulju, 2011, l-imputata ddikjarat li hija m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-9 ta' Ottubru 2009 il-Pulizija rceviet kwerela[1]

[1] Inserita a fol. 23 u 24 tal-atti processwali

minghand Spiridione Scerri li kien qed jikteb fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur ta' Salvina Calleja, mara anzjana li kienet rikoverata fid-dar ghall-anzjani Villa Robinich, il-Fgura fejn gie allegat li l-imputata Maria Carmela Carachi u bintha Rita Duca li qabel kienu jamministraw il-flus ta' Salvina Calleja kienu gibdu ammont sostanzjali ta' flus minghajr ebda raguni valida. Spiridione Scerri allega li fit-12 ta' Awwissu 2009 giet kancellata il-prokura[2] li Calleja kienet tat lill-imputata Maria Carmela Carachi u lil bintha Rita Duca u saret prokura gdida[3] fejn Spiridione Scerri gie mahtur bhala prokuratur. Scerri jallega li meta beda' jamministra l-assi ta' Salvina Calleja nduna li fiz-zmien meta l-imputata kienet prokuratrici ta' Calleja kienet gibdet mill-kont li Calleja kellha mal-HSBC Bank Malta plc is-somma globali ta' €8,000, f'erba' ammonti ta' €1000, €2000, €2000 u €3000 fl-1 ta' Gunju 2009, fl-24 ta' Gunju 2009, fit-3 ta' Lulju 2009 u fit-3 ta' Awwissu 2009 rispettivament. Scerri allega li ghal dak il-perijodu kien thallas biss l-ammont ta' €2000 sabiex Calleja tinzamm fil-home u ghalhekk ma kien hemm ebda raguni valida il-ghala l-imputata kellha tigbed dawk il-flus kollha. Scerri allega wkoll li meta huwa mar jaghmel il-verifiki fid-dar ta' Salvina Calleja sab taqlib kbir u nonostante li huwa kien cert li hija kienet izzomm madwar €12,000 id-dar dawn ma sabhomx. Huwa nforma lil Pulizija li dak iz-zmien l-imputata kellha c-cavetta tad-dar ta' Calleja u ghalhekk talab lil Pulizija sabiex jinvestigaw x'kienet ghamlet l-imputata bil-flus li kienet gibdet mill-kont ta' Salvina Calleja. Mill-provi rrizulta li l-imputata kienet l-istep daughter ta' Salvina Calleja u li din kienet rabbietha sa mill-eta' ta' tlett snin u li l-imputata kompliet tiehu hsiebha sakemm Salvina Calleja mietet fil-mori ta' dawn il-proceduri. L-imputata irrilaxxjat stqarrija lil Pulizija[4] fejn hija spjegat li Salvina Calleja kienet qisha ommha ghaliex ommha naturali mietet meta hija kellha sena u wara sentejn missierha izzewweg lil Salvina Calleja u din rabbiet lilha u lil hutha. Hija spjegat ukoll li meta miet missierha fis-16 ta' Awwissu 2003 Salvina Calleja baqghet tghix fid-dar sitwata 281, Fior di Carmeli, Triq is-Sur,

[2] Vide dokument inserit a fol. 289 u 290 tal-atti processwali
[3] Vide dokument inserit a fol. 291 sa 293 tal-atti processwali
[4] Inserita a fol. 25 sa 27 tal-atti processwali.

Fgura fejn qabel kienet tghix ma' missierha, liema dar kienet tappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Calleja. Hija kkonfermat ukoll li Calleja ma kellhiex tfal u li f'Mejju 2009 iddahlet l-Isptar Mater Dei u wara xi granet fid-dar tal-anzjani Villa Robinich. L-imputata spjegat li qabel ma Calleja dahlet l-Isptar f'Mejju 2009 kienet kapaci tiehu hsieb lilha nnifisha izda hi u bintha li kienu joqghodu vicin kienu jiehdu hsiebha billi jixtrulha l-affarijiet u huma kienu gejjin u sejrin ghand xulxin. Meta Calleja dahlet Villa Robinich l-imputata tispjega li hi u bintha kienu jiehdu hsieb il-finanzi taghha billi hija tathom prokura u huma fuq struzzjonijiet taghha kienu jigbdu l-flus mill-kont li kellha l-HSBC u jhalsulha l-kontijiet. L-imputata ikkonfermat li bejn Gunju u Awwissu 2009 hija kienet gibdet €8,000 mill-kont ta Calleja izda spjegat li dan ghamlitu fuq struzzjonijiet tal-istess Calleja sabiex thallas varji kontijiet tad-dawl, il-fees tal-home etcetera u hija qalet li l-istess Calleja kienet tghidilha sabiex izzomm dak li kien jibqa' mill-flus li gibdet ghaliex hi biss kienet tiehu hsiebha. L-imputata ghaddiet uhud mill-ircevuti relattivi ghall-hlasijiet li hija ghamlet[5] u spjegat li kien hemm xi ricevuti li ma setghatx issib u xi pagamenti li ghamlet fejn ma kellhiex ricevuti. Hija qablet li t-total tal-ircevuti li kienet produciet kien jammonta ghas-somma ta' €3219.06 izda regghat spjegat li hallset ammonti ohra li ma kellhiex ricevuti taghhom u kkonfermat ukoll li l-bqija tal-flus zammithom hi fuq struzzjonijiet ta' Salvina Calleja. L-imputata kkonfermat ukoll li kienet hadet l-oggetti tad-deheb li kien hemm fid-dar ta' Salvina Calleja izda qalet li ghamlet dan sabiex ma jinsterqux u fil-fatt ghaddiet kollox lil Pulizija flimkien mas-somma ta' €1000 li hija stess qalet lil Pulizija li kienet hadet mid-dar ta' Calleja sabiex ma jinsterqux. L-imputata spjegat ukoll li l-prokura kienet tnehhitilha ghaliex Spiridione Scerri u ommu li tigi oht Salvina Calleja kienu jsostnu li hija ma kellha dritt ghal xejn ghaliex ma kinitx it-tifla ta' Calleja.

Ikkunsidrat:

---

[5] Inseriti a fol. 32 sa 41 tal-atti processwali.

Illi l-imputata ikkonfermat dak kollu li kienet qalet fl-istqarrija meta xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-2 ta Frar 2012 fejn ziedet tghid li anki meta tnehhitilha il-prokura hija xorta wahda baqghet tmur kuljum filghodu u filghaxija sabiex titma lil Salvina Calleja u qalet li kienet fethet proceduri sabiex Calleja tigi inabilitata u hija esebiet id-digrieti relattivi tal-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja)[6] fejn intlaqghet it-talba taghha u giet nominata kuratrici ta' Salvina Calleja kif ukoll is-sussegwenti digrieti fejn l-istess Qorti cahdet it-talba maghmula minn Spiridione Scerri sabiex tigi revokata il-kurazija tal-imputata. L-imputata spjegat ukoll li d-depoziti ta' ammonti sostanzjali li jidhru fil-kont bankarju taghha u li huma mnizzla fl-istatements relattivi esebiti in atti kienu flus li kien ihallasha binha Michael Carachi bhala hlas ta' trasferiment ta' koncessjoni enfitewtika tal-fond fil-Fgura fejn hija baqghet tghix u hija fil-fatt produciet kemm il-kuntratt relattiv[7] kif ukoll kopja tal-ktieb tal-bank relattiv ghall-kont li hija fethet fl-istess data li sar l-imsemmi kuntratt ta' trasferiment tal-enfitewsi perpetwa u cioe' it-28 ta' Frar 2008 fejn hija kienet tiddepozita il-flus li kien jghaddilha binha bhala pagament tal-prezz tat-trasferiment tal-koncessjoni enfitewtika. Dan kollu gie konfermat minn binha Michael Carachi li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta' Mejju 2012. L-imputata prezentat ukoll kopja ta' rendikont tal-kurazija li prezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) u li giet approvata mill-istess Qorti[8].

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali fin-Nota ta Rinviju tieghu tad-9 ta' Gunju 2011 indika li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali liema artikoli tal-ligi jirreferu ghar-reat ta' approprijazzjoni ndebita kif ukoll fl-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jirreferi ghar-reat ta' frodi nnominata.

---

[6] Inseriti a fol. 252 et sequitur tal-atti processwali.
[7] Inserit a fol. 237 sa 242
[8] Digriet relattiv inserit a fol. 336 et sequitur tal-atti processwali

Illi l-approprjazzjoni indebita hija kkontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-Artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-**9 ta' Gunju 1998**, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dan ir-reat.

"**Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku</u>**; (sottolinjar tal-Qorti) **(3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."**

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta' l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

**"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (*uti dominus*). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"** (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

**“Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.”**

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kummissjoni ta’ dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-23 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta’ dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

***“Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e’ necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta’, a scopo d’indebito profitto per se’ o per un terzo, il dolo sara’ costituito dalla volontarieta’ Della conversasione con scienza della sua illegittimita’, e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d’un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento***

***obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

Illi r-reati ta' truffa u frodi nnominata huma kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li:

**"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi**

**haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

Illi fis-sentenza tat-30 ta' Dicembru 2004 fl-kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Carmela German'** il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar il-fatt jekk gidba semplici ghad-differenza ta' artifizzji u raggiri tistghax tigi kkunsidrata bhala frodi nnominata.

Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe' jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.

Illi maghmula din l-esposizzjoni legali dwar ir-reati ta' approprijazzjoni indebita u frodi nnominata li tinsab akkuzata bihom l-imputata fil-kawza odjerna din il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tara jekk il-fatti tal-kaz odjern jinkwadrawx ruhhom fl-imsemmija reati u sabiex tikkunsidra jekk jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussistu tali reati. Jinghad mal-ewwel li minn ezami akkurat tal-provi l-Qorti jidrilha li l-fatti tal-kaz ma jistghax jinghad li jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' frodi nnominata kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali stante li mill-istess provi rrizulta li l-imputata kienet prokuratrici tal-allegata vittma Salvina Calleja meta gibdet il-flus in dizamina u bl-ebda mod ma jirrizulta li gew adoperati xi raggiri jew artifizji sabiex jingibdu dawn il-flus.

In kwantu jirrigwarda r-reat ta' approprijazzjoni indebita l-Qorti jidrilha li l-akbar problema li kellha l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kienet li qatt ma produciet lill-allegata vittma Salvina Calleja sabiex tixhed f'dawn il-proceduri u qatt ma ngabet il-prova li din Salvina Calleja fil-fatt kienet tat struzzjonijiet lil Spiridione Scerri fiz-zmien qasir li huwa kien prokuratur taghha sabiex jinbdew il-proceduri odjerni. Mill-provi rrizulta li meta gibdet il-flus l-imputata kienet prokuratrici ta' Calleja u hija tat rendikont ta' x'ghamlet b'parti sostanzjali tal-ammont li hija gibdet u spjegat li in kwantu jirrigwarda il-bilanc kienet giet awtorizzata minn Calleja sabiex izzomm dawn il-flus bhala ringrazzjament ta' kemm kienet qed tiehu hsiebha. Il-Qorti jidrilha li l-imputata rnexxilha tipprova sal-grad tal-probabbli li hija ghamlet uzu mill-flus li gibdet mill-kont ta' Salvina Calleja skond dak specifikat mill-istess Calleja u bil-kunsens ta' din tal-ahhar. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li dawn il-proceduri gew intavolati fuq talba ta' Spiridione Scerri minhabba pika derivanti minn pendenzi ta' natura civili bejnu u bejn l-imputata u mhux ghaliex effettivament irrizultalu li l-imputata ghamlet uzu mhux approprijat tal-flus migbuda mill-kont bankarju ta' Salvina Calleja. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-anqas l-imputazzjoni ta' approprijazzjoni indebita ma tirrizulta pruvata u l-imputata sejra ghalhekk tigi dikjarata mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------